MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2006

Numru. 428/2005

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH MERCIECA
VS
WILLIAM MERCIECA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat William Mercieca, ta’ 31 sena, bin missier mhux maghruf u Theresa nee’ Mercieca, imwieled Pieta’ fl-14 ta’ Settembru 1973, u residenti 3rd Floor, Flat 10, Camarata Buildings, Triq il-Merkanti, Valletta, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 403973(M), u akkuzat talli fil-11 ta’ Mejju 2005, ghal habta tad-disgha u kwart ta’ filghaxija, f’The Mall, Floriana:

(1) bil-hsieb li jikkommetti delitt, cioe’ ferita ta’ natura gravi, ai termini tal-Artiklu 218(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq il-persuna ta’ Aadani Adbi Hussein,

wera dan il-hsieb b’atti esterni, u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi ta daqqiet ta’ strument li jaqta’ u bil-ponta lill-istess Aadani Adbi Hussein, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu, u

(2) hebb ghall-istess Aadani Adbi Hussein u kkagunalu griehi ta’ natura gravi, ai termini tal-Artiklu 218(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, skond kif iccertifikaw diversi tobba mill-Isptar San Luqa
(3) fil-hin li kien qed jaghmel id-delitt kontra l-persuna, u cioe’ feriment fuq il-persuna ta’ Aadani Adbi Hussein, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari

(4) ikkommetta serq ta’ ‘mobile phone’ tal-marka Samsung minn fuq il-persuna ta’ Aadani Adbi Hussein, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, ai termini tal-Artiklu 262(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

(5) iktar, akkuzat ukoll, talli fl-istess data, hin u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv b’diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, tipprovdi ghas-sigurta ta’ Aadani Adbi Hussein, ai termini tal-Artiklu 383 u 384 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikli elenkati mill-Avukat Generali, taht liema Artikli din il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputat.

Rat il-verbal tat-18 ta’ Novembru 2005 fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti, kif ukoll dak tat-12 t’Awissu 2005.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta illi l-Ispettur Mercieca kien gie nfurmat mill-Ispettur Anthony Portelli fit-12 ta' Mejju 2005, illi dak il-lejl, cioe' l-lejl bejn il-11 ta' Mejju u t-12 ta' Mejju kien sehh kaz ta' 'stabbing' fil-Furjana. Il-vittma kienet certu Hussein Adbi Aadani, u ghaldaqstant, l-Ispettur Mercieca kellem lill-vittma li kien ghadu rikoverat l-isptar. Dan infurmah illi waqt li kien miexi fil-gnien li hemm quddiem il-lukanda Phoenicia, fil-Furjana, kien hemm mara li soltu tkun dawk l-akkwati u talbitu sigarett, u meta kien ser jindirizzaha, persuna tas-sess maskili kienet tatu daqqa ta' xi haga li taqta' jew bil-ponta.

L-Ispettur Mercieca talbu jaghti deskrizzjoni ta' din is-sikkina jew arma, pero' Adbi ma kienx cert x'kienet. Adbi qallu li kellu 'mobile phone' tat-tip Samsung, li kien xtrah xi hamsa u tletin lira Maltin (Lm35), u li dan l-aggressur kien hatafulu minn idejh u li hu ma kienx jaf x'sar minnu. Adbi nforma lill-Pulizija illi din il-persuna kienet tkun ta' spiss fil-gnien hdejn il-Phoenicia.

Illi minn indagni illi ghamlu l-Pulizija, irrizulta illi l-imputat ta' sikwit kien ikun f'dawn l-akkwati flimkien ma' certu Josephine Farrugia illi wkoll spiss kienet tidher mal-imputat. Ghaldaqstant, l-imputat gie arrestat u mehud ic-CID fejn irrilaxxa stqarrija illi l-imputat ghazel li jiffirmaha wara li nghata s-solita twissija. L-imputat kien ammetta mal-Pulizija li kellu ncident ma' refugjat li ma kienx jaf x'jismu, fil-post indikat fil-Furjana. L-imputat fl-istqarrija qal illi dan ir-refugjat kien ghadda xi kummenti jew rimarki fil-konfront tieghu, u l-imputat kien qabad xi vit minn mal-art u kien qabad itih bih. Illi wara dan kien rema' l-vit.

Minn tfittxija li saret fuq il-post tal-incident, is-Surgent PS 180 kien sab id-'diary' tal-vittma. Il-vit li ntuza' fl-incident, dejjem skond l-imputat, kien twil xi sitt pulzieri. L-istqarrija giet esebita u mmarkata bhala dokument JM, waqt illi c-certifikat mediku rrilaxxat minn Dr Moses Camilleri gie esebit bhala JM1.

Fis-17 ta' Mejju, Josephine Farrugia marret l-ghassa l-Belt sabiex tkun tista' tinvista lil William Mercieca. Illi ghaldaqstant ukoll giet investigata mill-Pulizija ghar-rigward dan l-incident, u din infurmat lill-Pulizija illi hija kienet gejja mill-Marsa bix-xarabank u rat lil William Mercieca jitlewwem ma' dan ir-refugjat (ara xhieda a fol 19), u ghaldaqstant, talbet lix-xufier biex inizzilha hemmhekk, qalet illi dan l-incident lahqitu fl-ahhar u kullma taf fuq l-incident kien illi l-imputat kien beda jghid lil dan ir-refugjat biex jitlaq 'l hemm.

Illi fl-istqarrija tal-imputat dokument JM a fol 21 sa 23, l-imputat jghid illi hu kien qieghed ghall-affari tieghu fuq bank, meta gie refugjat fuqu u qallu 'Aw bodyguard' u li minn hemmhekk bdew il-battibekki bejniethom u l-imputat stqarr illi wara dan il-battibekk, kien qal lil dan ir-refugjat biex jitlaq 'l hemm. L-imputat stqarr illi f'hin minnhom, ir-refugjat tefa' idu l-leminija fuq il-but ta' wara tal-qalziet, u x'hin ra hekk, l-imputat tah daqqa ta' ponn f'wiccu, u dan waqa' mal-art, u sadanittant, l-imputat dar u telaq 'l hemm. Izda r-refugjat gie jghaggel warajh, lahqu, rah bil-ponn maghqud, u ghaldaqstant, l-imputat resaq lejn tank taz-zibel biex jipprova jaqla' xi njama biex jiddefendi ruhu. Filfatt, l-unika haga li sab kienet xi 'bolt' minn mal-art. Infatti jghid hekk a fol 22:

**'Ghalkemm l-injama ma nqalghetx minn mal-bank, waqa' bolt, jien gbart il-bolt, u kif resaq lejja, u hu beda jxejjer, jien qbadt inxejjer ukoll. Naf li beda jghidli allright allright, u gibed lejn il-Furjana. Kien hemm id-diary mal-art, jien qbadtu u tfajtu gol-haxix.'**

L-imputat ikkonferma li jaf li laqat lir-refugjat pero' ma jafx fejn. Jaf ukoll illi waqa' mal-art xi darbtejn. L-imputat stqarr ukoll illi kien hadlu l-'mobile' minn idejh u ramihulu. L-imputat ikkonferma li huwa ma weggax f'dan l-incident. L-imputat jinnega li kellu xi sikkina jew 'pen knife' jew xi haga simili, ikkonferma wkoll illi Josephine Farrugia, li dak iz-zmien kienet il-'partner' tieghu kienet fuq il-post wara li beda l-argument bejnu u bejn ir-refugjat. Illi Josephine

Farrugia kienet qaltlu l-kliem **'ara x'se johrog'**. Il-bqija hija ma ntromettietx ruhha f'dan l-argument.

Aadani Adbi Hussein xehed illi huwa kien qieghed jghix ma' zijuh il-Furjana, li nizel sal-Belt hdejn il-Phoenicia Hotel, u kien hemm mara li bdiet tkellmu. Illi f'daqqa wahda ra lil xi hadd gej minn warajh u ra sikkina f'idejh, u ghaldaqstant beda miexi lura. Dan ir-ragel baqa' gej ghal fuqu, u ghaldaqstant, Hussein hareg il-'mobile' sabiex icempel lill-Pulizija u li f'daqqa wahda dan il-persuna tah daqqa b'din is-sikkina, (u **'x-xhud ghamel mossa fuq genbu fuq ir-ribs tal-lemin taht il-breast pocket tal-qmis').** Beda jipprova jzommlu jdejh pero' l-'mobile' waqaghlu, beda jitlef il-grip u waqa' mal-art. Xehed illi dan il-persuna beda jghajjbu f'wiccu u jaghtih u jsawwtu u jtih bis-sieq. Illi laqtu f'wiccu u f'halqu.

Mistoqsi jekk kemm-il darba s-sinna nieqsa ta' quddiem kinitx b'rizultat tal-incident, Hussein innega u qal illi dik kienet grat hafna zmien qabel l-incident. Hussein xehed illi huwa nduna illi kien hemm hafna dmija hierga minn genbu u qal illi l-aggressur tieghu jafu di vista ghaliex sikwit ikun jiffrekwenta dan il-post fil-Furjana. Ikkonferma wkoll illi huwa qatt ma kien kellmu qabel u qatt ma kellu xi jghid mieghu. Gie muri d-'diary' tieghu u kkonferma illi kien tieghu. Hussein gharaf lill-imputat prezenti fl-awla (ara xhieda a fol 28), u gharaf ukoll il-'mobile' tieghu tal-marka Samsung li ghandu valur ta' tletin lira Maltin (Lm30). Ikkonferma wkoll illi s-sikkina li ntuzat kienet qisha 'pen knife' zghira. Hussein baqa' jsostni illi l-mara li giet tkellmu kienet talbitu biss ghas-sigaretti (ara fol 31).

Mix-xhieda ta' Josephine Farrugia (a fol 32) jirrizulta illi hija rat lill-imputat William Mercieca fil-gnien tal-Furjana, nizlet mix-xarabank, u marret tilhqu. Din xehdet illi sadanittant, kien hemm il-kwerelant vicin l-imputat William Mercieca, u semghet lill-imputat jghid il-kliem **'mur itlaq hallini.'** Josephine Farrugia xehdet is-segwenti:

**'Kif rajthom qishom ha jibdew jargumentaw, ha jibda' l-iehor jiffitta lil William, jien lill-iswed qedtlu 'mur u hallieh' u nahseb li hu beda jifhimni bil-Malti qedtlu**

**‘go away’ u xorta baqa’ hemmhekk. u jien bdejt inkeccih lil dak ghax jien ma lhaqt xejn ftit wara.’**

Josephine Farrugia tinnega illi rat xi dmija fuq il-persuna tal-kwerelant, izda tghid illi rat lill-kwerelant izomm genbu u telaq jigri lejn il-gnien tal-Argotti. Josephine Farrugia tinnega illi hija talbet lill-kwerelant ghal sigarett jew ghal xi haga ohra. Minkejja diversi twissijiet illi tat il-Qorti, Josephine Farrugia baqghet tishaq illi hija ma talbet ghal l-ebda sigarett, u li lahqet l-argument fl-ahhar stadju tieghu.

A fol 35, Josephine Farrugia tghid pero’ illi dak iz-zmien meta sehh dan l-incident hija kienet miggielda minn ma’ Mercieca. Fid-data li hija kienet qed tixhed pero’ kienet qeghda tghix mieghu flimkien mat-tifla taghha Mandy ta’ hmistax-il sena. Josephine Farrugia, a fol 46, xehdet illi Mandy mhix it-tifla ta’ l-imputat izda jrabbiha hu u tghajjatlu ‘daddy’.

A fol 37, PS 180 Fabian Aquilina xehed illi fit-12 ta’ Mejju, il-Pulizija giet infurmata illi kien hemm ‘stabbing’ il-Furjana, u li l-vittma kienet marret tkellem lill-Pulizija li kien hemm ghassa mal-Ambaxxata Amerikana l-Furjana. Illi ghaldaqstant, huwa kien mar ikellem lill-vittma l-isptar waqt li fit-18 ta’ Mejju l-Ufficjal Prosekutur kien kellem lil William Mercieca fejn **‘dan kien ammetta x’kien ghamel u ma ghamilx.’** Waqt l-‘statement’, qal ukoll li kien tefa’ ktieb, ‘diary’, li kellu l-vittma mal-art. Infatti, il-Pulizija kienu marru fuq il-post qrib il-gnien quddiem il-Phoenicia u sabu dan il-ktieb li l-kwerelant gharfu bhala l-propjeta’ tieghu. Id-‘diary’ gie esebit bhala dokument PS.

PS Aquilina xehed illi peress illi William Mercieca kien qalilhom illi kien agredixxa lill-kwerelant permezz ta’ ‘bolt’ tad-‘dustbins’, PS Aquilina ccekkja l-‘bolts’ kollha tad-‘dustbins’ fl-akwati:

**‘biss ebda wiehed minnhom ma kellhom bolt nieqes. Iccekjana dak il-hin stess u kollha kienu bil-boltijiet f’posthom jigifieri u jidhru illi kien ilhom hemmhekk mhux irrangati dak il-hin.’ (ara xhieda a fol 38).**

PS Aquilina xehed ukoll illi kienet saret tfittxija wkoll fil-‘parking’ fejn il-‘yellow garage’ isfel u dan ghaliex l-imputat kien informa lill-Pulizija illi kien rema’ l-‘bolt’ minn Bieb il-Belt ghal isfel **‘biss ma sibt xejn lanqas li jixbah lil bolt jew hekk hemm isfel.’** (ara xhieda a fol 38).

PS 57 Raymond Caruana, a fol 40, ikkonferma illi PC 84 li kien ghassa mal-Ambaxxata Amerikana kien wasallu rapport tal-kwerelant, u cioe’ fis-sens illi kien qala’ xi daqqa ta’ strument fuq genbu. PS 57 Raymond Caruana, a fol 40, xehed testwalment hekk:

**‘(il-kwerelant) kien qalilna illi waqt li kien qieghed quddiem il-Phoenicia fil-gnien, kien hemm ragel li tah daqqa ta’ sikkina minn wara, u dan kien qieghed fil-kumpanija ta’ zewg nisa, li wahda minnhom ma kellhiex snien, u filfatt billi ahna nafu sia lil William Mercieca u sia lil Josephine u lil bintha, bsarna li kienu huma.’**

L-okkorrenza tas-Surgent Caruana giet immarkata bhala dokument RC u tinstab a fol 42.

A fol 44 et seq, l-Ispettur Alexander Grech ikkonferma r-rapport li kien ghamel PC 84, stazzjonat mal-Ambaxxata Amerikana, dwar ‘stabbing’ fuq persuna ta’ karnagjon skur, x’aktarx refugjat. Spettur Grech xehed illi l-kwerelant kien tah deskrizzjoni ta’ zewg nisa, u ragel u qal illi sikwit dawn ikunu l-Furjana, u ghaldaqstant, huwa wasal ghall-konkluzjoni illi seta’ kien l-imputat William Mercieca u baghat il-Pulizija ghalih u rnexxielu jkellem lill-imputat fit-13 ta’ Marzu. Filfatt l-imputat irrilaxxa stqarrija fl-istess gurnata, u f’din l-istqarrija, l-imputat ammetta li kien qabad ‘bolt’ minn go xi ‘bin’, u kien ta daqqa permezz ta’ dan il-‘bolt’ lill-kwerelant. Ikkonferma l-istqarrija dokument JM, u qal illi William Mercieca kien stqarr mieghu illi l-kwerelant kien beda jiffittah u ma riedx ihallih bil-kwiet; li kien qed itih xi ‘trouble’; li nqala’ argument; li William Mercieca ra lill-kwerelant johrog xi haga mill-but; u ghaldaqstant, hataf il-‘bolt’ u tah daqqa bih.

Dr Alex Attard, a fol 55, kirurgu, ikkonferma li kien ezamina lill-kwerelant li kien qed isofri minn ferita fil-parti ta' sidru u fil-parti aktar 'l isfel fuq in-naha tax-xellug, kellu xoffa minfuha, pero' minn 'CT scan' u minn 'x-rays' illi sarulu, din il-ferita ma ppenetrat ebda kavita' magguri tal-gisem. Il-kirurgu xehed illi l-ferita kienet xi tlett millimetri fit-tul u xi tlett centimetri fond. Dr Attard ikkonferma illi l-kwerelant kien ammess l-isptar ghal osservazzjoni, u meta kien stabbli gie rilaxxat. Mitlub jikklassifika l-gerha, Dr Attard xehed illi potenzjalment setghet kienet serja, izda minhabba li ma kienx hemm penetrazzjoni tal-'toracic' jew 'abdominal cavity' baqghet ferita superficjali. Ikkonferma wkoll illi din il-ferita kienet kompatibbli ma' daqqa ta' strument bil-ponta bhal xi sikkina. Ikkonferma wkoll illi l-gnub tal-ferita kienu 'a clean cut'. Ic-certifikat gie esebit u mmarkat bhala dokument AA, u jinstab a fol 58.

Spettur Joseph Mercieca, ipprezenta zewg sentenzi, dokument JMZ1 u JMZ2 datati 18 t'April 2002, moghtija mill-Magistrat Dr Abigail Lofaro, u dik tal-10 ta' Marzu 2004 esebita bhala JMZ2. Gie esebit certifikat mediku dokument JMY a fol 74, li gie konfermat minn Dr Moses Camilleri fix-xhieda tieghu a fol 75.

Dr Camilleri, wara li sar maghruf lilu l-konkluzjonijiet tal-kirurgu Dr Attard, ikkonferma illi l-gravita' tal-kaz tonqos galadarba ma kienx hemm penetrazzjoni ta' xi kavita' jew organi tal-gisem.

L-imputat Mercieca, a fol 93, xehed illi kien gie fuqu l-kwerelant fil-gnien Kristu Re quddiem il-Phoenicia, u sejjahlu bil-kliem **'hawn body guard'.** L-imputat xehed illi l-kwerelant kellu 'diary' f'idu u ramieh mal-art, u li b'idu l-leminija, beda jipprova jgib xi haga mill-but ta' wara. L-imputat xehed illi meta wasal vicin tieghu, huwa pprova jaqla' njama minn mad-'dustbin' pero' din ma nqalghetx, inqala' 'bolt' u kif il-kwerelant gie vicin tieghu, l-imputat xejjirlu daqqa u laqtu fil-kustilji **'skond kif qal l-Ispettur ghax jien ma rajt xejn minn dan'**. L-imputat jghid illi xi tlett ijiem wara kien mar l-ghassa l-Belt u qalulu bil-kaz, u li hu stqarr, a fol 94, **'Irrid nghid illi l-istess persuna**

**kienet diga' ghamlitielhi xi xahar qabel din il-bicca xoghol.'**

L-imputat jghid illi l-ewwel darba l-kwerelant kien gie fuqu u beda jistaqsih ghas-sigaretti u jiffittah biex jiehu s-sigaretti, u t-tieni darba rega' avvicinah u qallu l-kliem 'body guard':

**'staqsejtu jekk kienx qed jghid ghalija, u dan lanqas tani cans hlief gie b'idu fuq il-but ta' wara, ipprova jaqla' xi haga u avvicinani sew, u jien hassejt li ddefendejt ruhi. Irrid nghid ukoll li kellu riha ta' xorb ta' alcohol fuqu, u barra minn hekk, wara li waqa' mal-art u jien tlaqt minn fuq il-post, ergajt harist lura u rajtu jaqa' go central strip minghajr ma jilqa' b'idu.' (ara xhieda a fol 94).**

L-imputat stqarr mal-Qorti dawn il-precizi kelmiet:

**'Fuq dak l-incident, jien ikkonfermajt lill-Ispettur li jien ma kellix dispjacir ta' li gara u nibqa' mhux ha jkolli dispjacir, jigifieri ghax hu ttantani, hu tani fastidju. Jien mhux xi bniedem li naghti fastidju lil haddiehor fhimt, u nitlob lill-Qorti jekk ha tiddeciedi dan il-kaz, tiddeciedi wkoll fuq ir-records li ghandu hu wkoll mhux jien biss gejt il-kriminali, ghax l-Ispettur ma ghandu ebda rapporti hawn ta' dan il-bniedem, dan huwa klandestin hawn Malta xejn aktar.' (ara xhieda a fol 94 u 95).**

In kontro ezami, l-imputat jghid illi l-ewwel inkontru li hu kellu mal-kwerelant kien gara xi xahar qabel dan l-incident. In kontro ezami, l-imputat innega illi huwa kellu sikkina f'idejh, u allega li sahansitra, il-kwerelant kien qal illi huwa kellu 'nail clipper'. Meta giet moqrija x-xhieda tal-kwerelant, l-imputat baqa' jsostni illi huwa ma kellux sikkina f'idejh, u li kien uza' 'bolt' (bil-kamin) (ara xhieda a fol 98 u 99).

Ghar-rigward tal-'mobile phone', l-imputat in kontro ezami, jghid illi dan il-'mobile phone' huwa qabad u ramihulu lill-kwerelant:

**'It-telecell armejtulu f'nofs ta' triq, u dan ikkonfermajtulu, anke fl-istqarrija, billi ffirmajt ukoll'. (ara xhieda a fol 97).**

Ikkunsidrat:-

Illi mill-fatti fuq esposti, huwa evidenti illi l-imputat William Mercieca, semplicement ghax il-kwerelant kien ta' karnagjon skur, ghajjatlu **'hawn body guard'** u qabad konversazzjoni mieghu tant li dejjqu, ghal dawn is-semplici fatti, l-imputat hass li kien ser jigi aggredit minnu. Provi biex jikkonfortaw dan il-biza' ta' aggressjoni imminenti ma hemmx. Infatti l-uniku haga illi jghid l-imputat hu illi l-kwerelant gie bil-goff lejh. B'reazzjoni ghal dan, l-imputat tah daqqa ta' ponn f'wiccu, il-kwerelant ipprova jiehu xi haga mill-but ta' wara, u l-imputat kien pront u capcaplu daqqa b'dak li hu sejjahlu 'bolt'.

Il-verzjoni illi ta l-imputat u cioe' illi hu aggredixxa lill-kwerelant b'vit bil-kamin, lanqas ma hu konfortat mix-xhieda forensika stante illi l-kirurgu Cassar qal illi l-lati tal-ferita kienu 'a clean cut' u mhux serrati, kif wiehed jimmagina illi kellu jirrizulta jekk kemm-il darba l-ferita saret b'vit.

Certament, ma jirrizultax cirkostanzi sabiex tigi accettata d-Difiza ta' 'self-defence' f'dawn ic-cirkostanzi. Lanqas ma jista' l-imputat johrog bl-iskuza li kien hemm xi tip ta' aggressjoni f'xi ncident precedenti ghal dan, ghaliex l-imputat jghid precizament x'gara f'dik l-ewwel okkazjoni.

Illi mix-xhieda pero' ta' Dr Alex Attard, jirrizulta illi l-gerha tal-kwerelant ma kinitx gravi fis-sens illi ma ppenetrat ebda kavita' tal-gisem u ghaldaqstant ma tistax tikkwalifika bhala gerha ta' natura gravi.

Illi in oltre, mill-provi migjuba a konjizzjoni ta' din il-Qorti, ma jirrizultax ippruvat bla dubju dettat mir-raguni, is-serq tal-'mobile' tal-kwerelant. Illi ghar-rigward tal-prova tal-identita', il-Qorti rat il-verbal tat-12 t'Awissu 2005, a fol 53,

fejn id-Difiza kienet ezentat lill-Prosekuzzjoni mix-xhieda tal-identita’ ghar-rigward is-sentenzi esebiti.

Illi ghaldaqstant, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta’ ferita ta’ natura hafifa fuq il-persuna tal-kwerelant permezz ta’ strument li jaqta’ jew bil-ponta, b’assorbiment tal-akkuza ta’ hebb ghall-istess kwerelant, mhux hati ta’ griehi ta’ natura gravi, hati tat-tielet akkuza, mhux hati tar-raba’ akkuza li minnha tilliberah, u hati tal-hames akkuza tar-ricediva, u wara li l-Qorti rat l-Artikli 214, 221(2) u 217, Artikli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sena prigunerija, li minnha titnaqqas iz-zmien illi l-imputat ghamel f’arrest preventiv. Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat fuq erbatax-il faccata.

Illi in vista tal-antecedenti tal-imputat, din il-Qorti ma tarax illi piena alternattiva fil-kaz tal-imputat hija ndikata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------